SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Jannar 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Taxxa fuq il-kumpanniji – Taxxa fuq l-impriżi assoċjati – Leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali li tipprojbixxi lil kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru t-tnaqqis tal-interessi mħallsa lil kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, li tappartjeni għall-istess grupp ta' kumpanniji, f'każ ta' kisba ta' vantaġġ fiskali sostanzjali"

Fil-Kawża C-484/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Suprema Amministrattiva, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura

Lexel AB

vs

Skatteverket,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen, C. Toader, M. Safjan u N. Jääskinen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Lulju 2020,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Lexel AB, minn M. Larsén,

– għall-iSkatteverket, minn M. Andersson Berg u M. Laxmark, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svediż, inizjalment minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, H. Shev, R. Shahsavan Eriksson, J. Lundberg, A. M. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson, A. Falk u O. Simonsson,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

sussegwentement minn H. Eklinder, C. Meyer-Seitz, H. Shev, R. Shahsavan Eriksson, J. Lundberg, A. M. Runeskjöld, M. Salborn Hodgson u O. Simonsson, bħala aġenti,

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn K. Bulterman u H. S. Gijzen, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Simonsson, A. Armenia, E. Ljung Rasmussen u G. Tolstoy, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Lexel AB, kumpannija rregolata mid-dritt Svediż, u l-iSkatteverket (l-amministrazzjoni fiskali, l-Isvezja) dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tagħtiha t-tnaqqis ta' ċerti spejjeż ta' interessi mħallsa lil kumpannija tal-istess grupp stabbilita fi Franza.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż ta' interessi

3 Skont il-prinċipju previst fl-Artikolu 1 tal-Kapitolu 16 tal-inkomstskattelagen (1999:1229) (il-Liġi Nru 1229 tal-1999 dwar it-Taxxa fuq id-Dħul), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul"), l-ispejjeż ta' interessi jistgħu jitnaqqsu fil-kuntest tal-intaxxar tal-attivitajiet kummerċjali ta' impriża.

4 Skont l-Artikolu 10a tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, meta jiġu applikati l-Artikoli 10b sa 10f ta' dan il-kapitolu, l-impriżi kkonċernati jitqiesu li għandhom interessi komuni jekk waħda minnhom teżerċita, direttament jew indirettament, permezz ta' ishma jew b'xi mod ieħor, influwenza kunsiderevoli fuq l-impriża l-oħra jew jekk dawn l-impriżi jkunu essenzjalment taħt direzzjoni waħda. Impriżi tfisser persuni ġuridiċi.

5 Skont l-Artikolu 10b tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, impriża marbuta permezz ta' komunità ta' interessi ma' impriżi oħra ma tistax, ħlief fil-każ ta' dispożizzjoni kuntrarja tal-Artikolu 10d jew tal-Artikolu 10e ta' dan il-kapitolu, tnaqqas l-ispejjeż ta' interessi relatati ma' dejn fil-konfront ta' impriża assoċjata.

6 L-Artikolu 10d(1) tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jipprovdi li l-ispejjeż ta' interessi relatati mad-djun imsemmija fl-Artikolu 10b ta' dan il-kapitolu jistgħu jitnaqqsu jekk id-dħul korrispondenti kien ikun suġġett għal taxxa b'rata ta' taxxa nominali ta' mill-inqas 10 % skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' stabbiliment tal-impriża assoċjata, benefiċjarja effettiva ta' dan id-dħul, li kieku din l-impriża rċeviet biss l-imsemmi dħul (iktar 'il quddiem ir-"regola ta' 10 %").

7 L-Artikolu 10d(3) tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jipprovdi li, jekk il-benefiċċju ta' vantaġġ fiskali sostanzjali għall-impriżi assoċjati jikkostitwixxi r-raġuni prinċipali tal-obbligu li huma kkuntrattaw, għalhekk l-ispejjeż ta' interessi ma jistgħux jitnaqqsu (iktar 'il quddiem il-"klawżola ta' deroga").

8 L-Artikolu 10e(1) ta' dan il-kapitolu jipprovdi li, anki jekk ma tkunx issodisfatta l-kundizzjoni tar-regola ta' 10 %, l-ispejjeż ta' interessi relatati mad-djun imsemmija fl-Artikolu 10b tal-imsemmi kapitolu jistgħu jitnaqqsu jekk l-obbligu li huwa l-bażi tagħhom ikun prinċipalment iġġustifikat minn raġunijiet kummerċjali. Madankollu, dan japplika biss jekk l-impriża assoċjata benefiċjarja effettiva tad-dħul li jikkorrispondi għall-ispejjeż ta' interessi tkun stabbilita fi Stat taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew fi Stat li miegħu r-Renju tal-Isvezja kkonkluda ftehimiet fiskali.

Ix-xogħol preparatorju relatat mal-klawżola derogatorja

9 Ix-xogħol preparatorju relatat mal-klawżola derogatorja jipprovdi l-indikazzjonijiet segwenti dwar l-interpretazzjoni ta' din il-klawżola:

– Hija l-impriża li titlob it-tnaqqis li għandha turi li d-dejn ma ġiex ikkuntrattat prinċipalment għal raġunijiet fiskali. It-terminu "prinċipalment" jirreferi għal perċentwali ta' madwar 75 % jew iktar. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-livell tal-impriżi assoċjati u għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fiskali tal-persuna li tislef kif ukoll dik ta' min jissellef.

– Fl-applikazzjoni tal-klawżola derogatorja, għandha ssir evalwazzjoni tal-każ ineżami, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-vantaġġ fiskali sostanzjali miksub mill-impriżi assoċjati jikkostitwixxix il-motiv prinċipali tat-tranżazzjonijiet imwettqa u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali.

– Diversi elementi jimmilitaw favur l-applikazzjoni tal-klawżola derogatorja. F'dan ir-rigward, għandu pereżempju jiġi vverifikat jekk is-self ġiex ikkuntrattat ma' impriża oħra assoċjata sabiex tiffinanzja l-akkwist minn impriża assoċjata ta' ishma. F'dan il-kuntest, il-livell għoli tar-rati ta' interessi jista' jikkostitwixxi ħjiel importanti. Għandu wkoll jiġi ddeterminat jekk il-finanzjament setax jitwettaq permezz ta' żieda fil-kapital minflok permezz ta' self. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni trasferimenti eventwali mhux iġġustifikati ta' pagamenti ta' interessi permezz ta' impriżi assoċjati oħra, iżda wkoll is-sitwazzjonijiet fejn l-impriżi assoċjati jikkostitwixxu, b'rabta mal-akkwist ta' drittijiet tal-azzjonisti, kumpanniji ġodda li l-funzjoni prinċipali tagħhom hija li jkollhom kreditu ta' self. Finalment u mhux b'mod eżawrjenti, għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari għall-oriġini tal-kapital kif ukoll għal-livell ta' tassazzjoni tal-benefiċjarju tal-interessi.

– Fi kwalunkwe każ, il-klawżola derogatorja ma tapplikax għall-pagamenti ta' interessi fuq self intern bejn kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata imposti b'mod konvenzjonali li bejniethom jeżisti dritt ta' trasferiment finanzjarju fi ħdan il-gruppi.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti fi ħdan il-gruppi

10 L-Artikoli 1 u 3 tal-Kapitolu 35 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jipprovdu li trasferiment finanzjarju fi ħdan gruppi ta' impriża parent lil sussidjarja miżmuma 100 % jew minn sussidjarja miżmuma 100 % lil impriża parent jista' jitnaqqas taħt ċerti kundizzjonijiet. It-trasferiment finanzjarju fi ħdan il-gruppi għandu jiġi integrat fid-dħul tal-benefiċjarju.

11 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 ta' dan il-kapitolu jippreċiża li kumpannija parent hija kumpannija Svediża b'responsabbiltà limitata li għandha iktar minn 90 % tal-ishma ta' kumpannija Svediża b'responsabbiltà limitata oħra. It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jenfasizza li sussidjarja miżmuma kollha kemm hi tfisser l-impriża miżmuma mill-impriża parent.

12 Skont l-Artikolu 2a tal-imsemmi kapitolu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi, kumpannija stabbilita fi Stat Membru taż-ŻEE u analoga għal kumpannija b'responsabbiltà limitata stabbilita fl-Isvezja għandha tiġi ttrattata bħal din tal-aħħar. Madankollu, dan japplika biss jekk il-benefiċjarju tat-trasferiment finanzjarju fi ħdan il-gruppi jkun suġġett għat-taxxa fl-Isvezja għall-attività ekonomika li jirreferi għaliha dan it-trasferiment finanzjarju.

13 L-Artikoli 4 sa 6 tal-Kapitolu 35 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jinkludu dispożizzjonijiet li permezz tagħhom għandu jiġi awtorizzat ukoll it-tnaqqis tat-trasferimenti fi ħdan il-gruppi magħmula favur sussidjarja miżmuma indirettament permezz ta' sussidjarja oħra kif ukoll it-tnaqqis tat-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi bejn żewġ sussidjarji miżmuma direttament jew indirettament.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14 Lexel hija kumpannija Svediża tal-grupp Schneider Electric. Il-kumpannija parent ta' dan il-grupp, preżenti f'diversi Stati terzi u Stati Membri, hija Schneider Electric SE, kumpannija stabbilita fi Franza.

15 Qabel it-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, Schneider Electric Services International SPRL (iktar 'il quddiem "SESI"), kumpannija stabbilita fil-Belġju, kienet 85 % miżmuma minn Schneider Electric Industries SAS, kumpannija tal-grupp Schneider Electric stabbilita fi Franza, u 15 % miżmuma minn Schneider Electric España SA (iktar 'il quddiem "SEE"), kumpannija ta' dan il-grupp stabbilita fi Spanja.

16 F'Diċembru 2011, Lexel akkwistat il-15 % tal-ishma ta' SESI miżmuma minn SEE billi kisbet, preliminarjament, self mingħand Bossière Finances SNC (iktar 'il quddiem "BF"), bank intern tal-grupp Schneider Electric. Fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, BF kienet tifforma parti minn entità fiskali komposta minn madwar 60 kumpannija ta' dan il-grupp stabbiliti fi Franza.

17 Lexel, BF, SESI u SEE huma kollha, direttament jew indirettament, sussidjarji ta' Schneider Electric Industries.

18 Lexel ħallset lil BF interessi fuq is-self miksub fl-ammont ta' SEK 58 miljun (madwar EUR 5.5 miljun) għall-2013 u ta' SEK 62 miljun (madwar EUR 5.9 miljun) għall-2014. BF użat l-interessi miġbura sabiex tikkumpensa żbilanċ li rriżulta fl-attivitajiet tal-kumpanniji stabbiliti fi Franza li jifformaw l-entità fiskali.

19 Lexel iddikjarat li hija kienet xtrat l-ishma ta' SESI mingħand SEE peress li din tal-aħħar kellha bżonn ta' kapital sabiex tiffinanzja l-akkwist ta' kumpannija esterna mill-grupp Schneider Electric, peress li dan l-akkwist kien iffinanzjat prinċipalment permezz ta' self. F'dan il-kuntest, u sabiex tnaqqas l-ispejjeż ta' finanzjament tagħha, SEE kienet iddeċidiet li tbigħ l-ishma ta' SESI li kellha u li tirrimborsa s-self li hija kienet daħlet għalih f'dan il-kuntest.

20 Skont Lexel, l-akkwist tal-ishma ta' SESI ma kienx intiż sabiex il-grupp Schneider Electric jibbenefika minn vantaġġ fiskali u ma kien jirriżulta ebda vantaġġ fiskali mill-fatt li BF kienet f'pożizzjoni li tuża l-interessi miġbura sabiex tikkumpensa għall-iżbilanċi marbuta mal-attivitajiet ta' dan il-grupp fi Franza. Finalment, id-dħul li jikkorrispondi għal dawn l-interessi jiġi intaxxat, u dan b'rata ogħla minn dik applikata fl-Isvezja.

21 F'dan ir-rigward, ir-rata tat-taxxa fuq il-kumpanniji fi Franza għall-2013 u għall-2014 kienet ta' 34.43 %. Madankollu, ebda taxxa ma ġiet imposta fuq l-interessi miġbura matul dawn is-snin peress li l-entità fiskali kkonċernata kienet irreġistrat defiċit f'dak iż-żmien. Matul l-istess snin, ir-rata tat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-Isvezja kienet tammonta għal 22 %.

22 L-amministrazzjoni fiskali, wara li kkonfermat l-applikabbiltà tar-regola ta' 10 %, madankollu rrifjutat it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' interessi tas-self mogħti minn BF billi invokat il-klawżola derogatorja. Skont l-amministrazzjoni fiskali, it-tranżazzjonijiet inkwistjoni twettqu sabiex jippermettu t-tnaqqis fl-Isvezja minflok fi Spanja tal-ispejjeż ta' interessi marbuta mal-akkwist tal-ishma ta' SESI u bl-għan li jibbenefikaw minn vantaġġ fiskali sostanzjali. L-amministrazzjoni fiskali kkunsidrat ukoll li l-klawżola derogatorja kienet kompatibbli mal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment.

23 Lexel ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali quddiem il-Förvaltningsrätten i Stockholm (il-Qorti Amministrattiva sedenti fi Stokkolma, l-Isvezja).

24 Il-Förvaltningsrätten i Stockholm ikkonfermat l-evalwazzjoni tal-amministrazzjoni fiskali li tgħid li t-tnaqqis inkwistjoni kellu jiġi rrifjutat abbażi tal-klawżola derogatorja. Madankollu, dik il-qorti rrilevat li, kieku BF kienet ġiet stabbilita fl-Isvezja, din il-klawżola ma kinitx tkun tista' tiġi implimentata. F'dan il-każ, Lexel u BF kienu jkunu f'pożizzjoni li jwettqu trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 35 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, mingħajr ma t-tiftix ta' vantaġġ fiskali sostanzjali jiġi dedott minn tali tranżazzjoni. F'dan il-kuntest, l-imsemmija qorti kkunsidrat li l-applikazzjoni tal-klawżola derogatorja kienet twassal għal restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment li setgħet, madankollu, tkun iġġustifikata fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

25 Lexel appellat quddiem il-Kammarrätten i Stockholm (il-Qorti tal-Appell Amministrattiva sedenti fi Stokkolma, l-Isvezja). Dik il-qorti kkunsidrat li l-klawżola derogatorja kienet tapplika għat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, filwaqt li qieset, bħall-Förvaltningsrätten i Stockholm, li l-applikazzjoni ta' din il-klawżola kienet twassal għal restrizzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, għalkemm din ir-restrizzjoni tista' madankollu tkun iġġustifikata f'isem il-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali u bl-għan li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

26 Lexel appellat quddiem il-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja), li laqgħet l-appell sa fejn jikkonċerna l-libertà ta' stabbiliment u, b'mod iktar preċiż, il-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni tal-klawżola derogatorja tmurx kontra d-dritt tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-appell awtorizzat, il-kwistjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din il-klawżola humiex issodisfatti f'dan il-każ ma hijiex intiża li tiġi

eżaminata, peress li din il-kwistjoni hija sospiża sakemm tingħata risposta għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-applikazzjoni tal-klawżola msemmija tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment fir-rigward tal-Artikolu 49 TFUE u, fl-affermattiv, jekk jeżistux ġustifikazzjonijiet eventwali għal tali restrizzjoni.

27 Hi u tibbaża ruħha fuq ix-xogħlijiet preparatorji relatati mal-klawżola derogatorja, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-għan ġenerali ta' din il-klawżola huwa li tipprevjeni kull pjan fiskali aggressiv permezz ta' tnaqqis ta' interessi. Dan il-għan, flimkien mal-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, jikkostitwixxi ġustifikazzjoni aċċettata, taħt ċerti kundizzjonijiet, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi sentenzi, qieset bħala konformi mal-libertà ta' stabbiliment l-esklużjoni ta' kumpanniji stabbiliti barra mill-Istat Membru kkonċernat, relatati mal-istess grupp, mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-aġġustament fi ħdan il-grupp. Madankollu, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-22 ta' Frar 2018, X u X (C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punti 39 sa 42), dwar ir-regoli tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar it-tnaqqis tal-interessi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kumpanniji ta' grupp stabbiliti barra mill-Istat Membru kkonċernat ma setgħux jiġu esklużi mill-benefiċċju ta' vantaġġi fiskali mhux speċifikament marbuta ma' tali sistemi ta' aġġustament u qieset li d-differenza fit-trattament imposta mill-imsemmija regoli kienet tikkostitwixxi ostakolu mhux iġġustifikat għal-libertà ta' stabbiliment.

29 Minkejja prossimità teoretika, ir-regoli Svediżi dwar it-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi u r-regoli tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar l-entitajiet fiskali jvarjaw b'mod kunsiderevoli fil-konsegwenzi prattiċi tagħhom. Il-qorti tar-rinviju tqis għalhekk li l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni elaborata fl-imsemmija sentenza hija affettwata minn dan.

30 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Ir-rifjut, lil kumpannija Svediża, tad-dritt li tnaqqas l-interessi mħallsa lil kumpannija li magħha hija għandha interessi komuni (kumpannija assoċjata) stabbilita fi Stat Membru ieħor, għar-raġuni li l-obbligu li jgħaqqadhom flimkien jidher li ġie maqbul prinċipalment bl-għan li l-kumpanniji assoċjati jibbenefikaw minn vantaġġ fiskali sostanzjali, filwaqt li ma tqiesx li tali vantaġġ fiskali kien jeżisti li kieku ż-żewġ kumpanniji kienu kumpanniji Svediżi, peress li, għaldaqstant, kienu jkunu applikabbli għalihom id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti finanzjarji fi ħdan l-istess grupp, huwa konformi mal-Artikolu 49 TFUE?"

Fuq id-domanda preliminari

31 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha kumpannija stabbilita fi Stat Membru ma hijiex awtorizzata tnaqqas l-interessi mħallsa lil kumpannija li tappartjeni lill-istess grupp, stabbilita fi Stat Membru ieħor, minħabba li l-obbligu li jorbothom jidher li ġie konkluż prinċipalment bl-għan li jinkiseb vantaġġ fiskali sostanzjali, filwaqt li ma kienx jitqies li kien jeżisti tali vantaġġ

fiskali li kieku ż-żewġ kumpanniji kienu ġew stabbiliti fl-ewwel Stat Membru, peress li d-dispożizzjonijiet relattivi għat-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi kienu japplikaw għalihom f'dan il-każ.

32 Fi kliem ieħor, qiegħed jiġi mistoqsi jekk tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment li tmur kontra l-Artikolu 49 TFUE.

33 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 49 TFUE jimponi t-tneħħija tar-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment taċ-ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Din il-libertà tinkludi, fir-rigward tal-kumpanniji stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni prinċipali jew l-istabbiliment prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni Ewropea, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fi Stati Membri oħra permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Mejju 2015, Verder LabTec, C-657/13, EU:C:2015:331, punt 32; tat-2 ta' Settembru 2015, Groupe Steria, C-386/14, EU:C:2015:524, punt 14; kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, X u X, C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punt 18).

34 Madankollu, differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għad-detriment tal-kumpanniji li jeżerċitaw il-libertà ta' stabbiliment tagħhom ma tikkostitwixxix ostakolu għal din il-libertà jekk hija tirrigwarda sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew fil-każ li hija ġġustifikata minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u hija proporzjonata għal dan il-għan (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 167; tal-25 ta' Frar 2010, X Holding, C-337/08, EU:C:2010:89, punt 20; kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, X u X, C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punt 20).

Fuq id-differenza fit-trattament

35 Skont l-Artikolu 10b tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul, impriża li għandha interessi komuni ma' impriżi oħra ma tistax, ħlief fil-każ ta' dispożizzjoni kuntrarja tal-Artikolu 10d jew tal-Artikolu 10e ta' dan il-kapitolu, tnaqqas l-ispejjeż ta' interessi relatati ma' dejn fil-konfront ta' impriża assoċjata.

36 Skont ir-regola ta' 10 %, l-ispejjeż ta' interessi relatati mad-djun imsemmija fl-Artikolu 10b tal-Kapitolu 24 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jistgħu jitnaqqsu jekk id-dħul korrispondenti kien suġġett għal tassazzjoni b'rata ta' mill-inqas 10 % skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' stabbiliment tal-impriża assoċjata, benefiċjarja effettiva tad-dħul, li kieku din l-impriża rċeviet biss dan id-dħul. Madankollu, l-Artikolu 10e(1) ta' dan il-kapitolu jipprovdi li dawn l-ispejjeż ta' interessi jistgħu jitnaqqsu, minkejja n-nuqqas ta' osservanza tar-regola ta' 10 %, jekk l-obbligu li huwa l-bażi tagħhom ikun prinċipalment iġġustifikat minn raġunijiet kummerċjali u jekk l-impriża assoċjata, benefiċjarja effettiva tad-dħul korrispondenti għall-ispejjeż ta' interessi, tkun stabbilita fi Stat taż-ŻEE.

37 Bl-istess mod, il-klawżola derogatorja tipprovdi li, jekk il-benefiċċju ta' vantaġġ fiskali sostanzjali għall-impriżi assoċjati jikkostitwixxi r-raġuni prinċipali tal-obbligu li huma jkunu daħlu għalih, l-ispejjeż ta' interessi ma jistgħux jitnaqqsu. Skont ix-xogħlijiet preparatorji relatati mal-klawżola derogatorja, hija l-impriża li titlob it-tnaqqis li għandha turi li d-dejn ma ġiex ikkuntrattat prinċipalment għal raġunijiet fiskali, jiġifieri sa 75 % jew iktar.

38 B'mod parallel, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 35 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq id-Dħul jipprovdu li trasferiment finanzjarju fi ħdan grupp minn impriża parent lil sussidjarja miżmuma 100 % jew minn sussidjarja miżmuma 100 % lil impriża parent, l-istess bħal trasferiment finanzjarju fi ħdan grupp favur sussidjarja miżmuma indirettament permezz ta' sussidjarja oħra kif ukoll dak imwettaq bejn żewġ sussidjarji miżmuma direttament jew indirettament, jista' jitnaqqas taħt ċerti kundizzjonijiet. Madankollu, din ir-regola tapplika biss jekk il-benefiċjarju tat-trasferiment finanzjarju fi ħdan grupp ikun suġġett għat-taxxa fl-Isvezja għall-attività ekonomika li jirreferi għaliha dan it-trasferiment finanzjarju.

39 F'dan il-każ, Lexel iffinanzjat l-akkwist ta' ishma ta' SESI, li tappartjeni lill-istess grupp bħalha, permezz ta' self ikkuntrattat mingħand kumpannija oħra ta' dan il-grupp, BF. Minkejja li l-interessi mħallsa minn Lexel lil BF osservaw ir-regola ta' 10 %, l-amministrazzjoni fiskali rrifjutat lil Lexel it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' interessi marbuta ma' dan is-self, abbażi tal-klawżola derogatorja, billi enfasizzat li l-benefiċċju ta' vantaġġ fiskali sostanzjali kien jikkostitwixxi r-raġuni prinċipali.

40 Skont il-fajl għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, Lexel setgħet, li kieku BF kienet ġiet stabbilita fl-Isvezja, tikseb it-tnaqqis tal-ispejjeż ta' interessi marbuta mal-imsemmi self. Fil-fatt, skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, kumpannija tista' tnaqqas mid-dħul taxxabbli tagħha trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi mwettqa lejn kumpannija tal-istess grupp, meta din tal-aħħar tkun suġġetta għat-taxxa fl-Isvezja. F'din l-ipoteżi, ikun għalhekk inutli li jittieħed self mingħand kumpannija oħra tal-grupp bl-għan uniku li jkunu jistgħu jitnaqqsu l-ispejjeż ta' interessi korrispondenti. Huwa għalhekk li l-klawżola derogatorja qatt ma tiġi invokata kontra tnaqqis tal-ispejjeż ta' interessi li jirriżultaw minn self ikkuntrattat ma' kumpannija oħra tal-grupp stabbilita fl-Isvezja. Min-naħa l-oħra, il-klawżola derogatorja hija applikabbli meta l-persuni li għandhom spejjeż ta' interessi jkunu stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

41 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi kkonstatat li f'dan il-każ teżisti differenza fit-trattament li għandha effett negattiv fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment tal-kumpanniji.

42 Tali differenza fit-trattament tista' madankollu tkun kompatibbli mal-Artikolu 49 TFUE meta tkun tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew meta tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u tkun proporzjonata għal dan il-għan.

Fuq il-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet

43 Il-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet transkonfinali u nazzjonali għandha tiġi eżaminata b'teħid inkunsiderazzjoni tal-għan u tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni (sentenza tat-22 ta' Frar 2018, X u X, C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punt 33 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għandu jitqies, kif irrilevat il-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li s-sitwazzjoni li fiha kumpannija stabbilita fi Stat Membru tħallas interessi għal self konkluż ma' kumpannija kummerċjali stabbilita fi Stat Membru ieħor li tappartjeni għall-istess grupp ma hijiex differenti, f'dak li jirrigwarda l-ħlas tal-interessi, minn sitwazzjoni li fiha l-benefiċjarju tal-interessi huwa kumpannija tal-grupp stabbilita fl-istess Stat Membru, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Isvezja.

45 Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

Fuq il-ġustifikazzjonijiet

46 Skont ġurisprudenza stabbilita, restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. F'sitwazzjoni bħal din, huwa wkoll neċessarju li din tkun adattata sabiex tiżgura li l-għan inkwistjoni jkun milħuq u li din ma teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 35; tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, EU:C:2006:544, punt 47; kif ukoll tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, EU:C:2007:161, punt 64).

47 Bħala ġustifikazzjoni, l-amministrazzjoni fiskali, sostnuta f'dan is-sens mill-Gvernijiet tal-Isvezja u tal-Pajjiżi l-Baxxi, tenfasizza li l-klawżola derogatorja tidħol, minn naħa, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali u, min-naħa l-oħra, fil-ħtieġa li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

48 Fl-ewwel lok, għandu jiġi evalwat jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi ġġustifikata minn motivi ta' ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali.

49 Sabiex restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE tkun tista' tiġi ġġustifikata minn dawn il-motivi, l-għan speċifiku ta' tali restrizzjoni għandu jkun li jostakola aġir li jikkonsisti fil-ħolqien ta' arranġamenti purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, bl-għan li tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet imwettqa fit-territorju nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, EU:C:2006:544, punt 55, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2018, X u X, C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punt 46).

50 Barra minn hekk, minn naħa, sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni għandhiex in-natura ta' arranġament purament artifiċjali għal finijiet fiskali biss, il-persuna taxxabbli għandha titqiegħed f'pożizzjoni, mingħajr ma tkun suġġetta għal restrizzjonijiet amministrattivi eċċessivi, li tippreżenta provi dwar l-eventwali raġunijiet kummerċjali li għalihom ġiet konkluża din it-tranżazzjoni (sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, EU:C:2007:161, punt 82).

51 Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-verifika ta' tali provi twassal għall-konklużjoni li t-tranżazzjoni inkwistjoni tikkorrispondi għal arranġament purament artifiċjali mingħajr raġunijiet kummerċjali reali, il-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi li r-rifjut tad-dritt għal tnaqqis ikun limitat għall-frazzjoni tal-interessi li teċċedi dak li kien ikun miftiehem fl-assenza ta' relazzjonijiet speċjali bejn il-partijiet (sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, EU:C:2007:161, punt 83).

52 F'dan il-każ, mill-provi tal-fajl li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-klawżola derogatorja tidħol fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva fil-forma ta' tnaqqis ta' spejjeż ta' interessi u tikkonċerna espliċitament kull "vantaġġ fiskali sostanzjali". F'dan il-kuntest, hija l-kumpannija li titlob tali tnaqqis li għandha turi li d-dejn ma sarx prinċipalment għal raġunijiet fiskali, jiġifieri minn limitu ta' 75 % jew iktar.

53 L-għan speċifiku tal-klawżola derogatorja ma huwiex il-ġlieda kontra arranġamenti purament artifiċjali u l-applikazzjoni ta' din il-klawżola ma hijiex limitata għal tali arranġamenti. Fil-fatt, kif essenzjalment ammettiet l-amministrazzjoni fiskali waqt is-seduta, l-imsemmija klawżola

tikkonċerna djun li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet irregolati mid-dritt ċivili mingħajr madankollu ma tikkonċerna biss arranġamenti fittizji. B'hekk, skont l-evalwazzjoni tal-għanijiet tat-tranżazzjoni inkwistjoni magħmula mill-awtorità fiskali, jistgħu jidħlu wkoll fil-kuntest tal-klawżola derogatorja t-tranżazzjonijiet konklużi f'kundizzjonijiet ta' distakkament, jiġifieri taħt kundizzjonijiet simili għal dawk li japplikaw bejn kumpanniji indipendenti.

54 Fi kliem ieħor, l-aspett fittizju tat-tranżazzjoni inkwistjoni ma jikkostitwixxix kundizzjoni determinanti sabiex jiġi rrifjutat id-dritt għal tnaqqis, peress li l-intenzjoni tal-kumpannija kkonċernata li tidħol f'dejn, prinċipalment għal raġunijiet fiskali, hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika r-rifjut tad-dritt għal tnaqqis. Il-klassifikazzjoni ta' tranżazzjoni bħala prinċipalment fiskali sseħħ fil-konfront ta' parti li teċċedi ċerta perċentwali, jiġifieri 75 %, tal-għan tagħha.

55 Issa, is-sempliċi fatt li kumpannija tixtieq tipproċedi għat-tnaqqis tal-interessi f'sitwazzjoni transkonfinali fl-assenza ta' kwalunkwe trasferiment artifiċjali ma jistax jiġġustifika miżura li tippreġudika l-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 TFUE.

56 Għandu jiġi kkonstatat li l-klawżola derogatorja tista' tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha tranżazzjonijiet konklużi f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni sħiħa u li, konsegwentement, ma jikkostitwixxux arranġamenti purament artifiċjali jew fittizji mfassla bl-għan li tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet imwettqa fit-territorju nazzjonali.

57 Għaldaqstant, ma tistax tiġi aċċettata l-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali.

58 Fit-tieni lok, għandu jiġi evalwat jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tkun iġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi mħares it-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

59 Hekk kif kemm-il darba ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jitħares it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tkun ammessa meta s-sistema inkwistjoni tkun intiża sabiex tipprevjeni aġir li jista' jikkomprommetti d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 46, kif ukoll tal-31 ta' Mejju 2018, Hornbach-Baumarkt, C-382/16, EU:C:2018:366, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 Iż-żamma tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri tista' tirrendi neċessarja l-applikazzjoni, għall-attivitajiet ekonomiċi tal-kumpanniji stabbiliti f'wieħed mill-Istati msemmija, tar-regoli fiskali ta' dan l-Istat biss, kemm fir-rigward tad-dħul kif ukoll tat-telf (sentenzi tal-15 ta' Mejju 2008, Lidl Belgium, C-414/06, EU:C:2008:278, punt 31, u tal-21 ta' Jannar 2010, SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 61).

61 Il-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-preżervazzjoni tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri ġiet ammessa b'mod partikolari mill-Qorti tal-Ġustizzja meta kundizzjoni ta' residenza tkun meħtieġa sabiex jingħata aċċess għal sistema fiskali partikolari sabiex jiġi evitat li l-persuna taxxabbli jkollha l-għażla ħielsa li tiddetermina f'liema Stat jiġi intaxxat dħul jew jittieħed inkunsiderazzjoni telf u l-possibbiltà li l-bażi taxxabbli tiġi ttrasferita liberament bejn Stati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05,

EU:C:2007:439, punt 56; tal-21 ta' Jannar 2010, SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata; kif ukoll tal-25 ta' Frar 2010, X Holding, C-337/08, EU:C:2010:89, punti 29 sa 33).

62 Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konsolidazzjoni fil-livell tal-kumpannija omm tad-dħul u tat-telf tal-kumpanniji integrati f'entità fiskali unika tirrappreżenta vantaġġ li huwa ġġustifikat li jiġi rriżervat għall-kumpanniji residenti fid-dawl tal-ħtieġa li jitħares it-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Frar 2010, X Holding, C-337/08, EU:C:2010:89, punti 29 sa 33).

63 Madankollu, f'dak li jikkonċerna l-vantaġġi fiskali minbarra t-trasferiment tad-dħul jew tat-telf fi ħdan grupp fiskali integrat, il-kwistjoni jekk Stat Membru jistax jirriżerva dawn il-vantaġġi għall-kumpanniji li jiffurmaw parti minn tali grupp u, għaldaqstant, jeskludihom f'sitwazzjonijiet transkonfinali għandha tiġi eżaminata separatament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2015, Groupe Steria, C-386/14, EU:C:2015:524, punti 27 u 28).

64 B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Frar 2018, X u X (C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110, punti 40 u 41), li barra minn hekk tirreferi għaliha l-qorti tar-rinviju, li r-regoli tal-Pajjiżi l-Baxxi dwar it-tnaqqis tal-interessi ma setgħux jiġu ġġustifikati min-neċessità li jiġi ppreżervat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni. Dan kien il-każ b'mod partikolari peress li, kuntrarjament għall-każ tal-kumpens ġenerali tal-ispejjeż u tad-dħul speċifiċi għall-entità fiskali unika, fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza kien hemm inkwistjoni vantaġġ mingħajr rabta speċifika mas-sistema fiskali applikabbli għal tali entitajiet.

65 Hekk kif osservat il-qorti tar-rinviju, id-differenza bejn ir-regoli eżaminati fil-kuntest tas-sentenza tat-22 ta' Frar 2018, X u X (C-398/16 u C-399/16, EU:C:2018:110), u dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinsab fil-fatt li, skont ir-regoli inkwistjoni fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza, il-kundizzjonijiet ta' tnaqqis kienu jvarjaw skont jekk il-kumpannija akkwistata kinitx tappartjeni jew le għall-istess entità fiskali bħall-kumpannija akkwirenti. Min-naħa l-oħra, fil-kawża prinċipali, id-differenza fit-trattament hija, fil-prattika, ibbażata fuq rekwiżit ta' residenza tal-kumpannija li tislef, rekwiżit li jiddetermina l-inapplikabbiltà tal-klawżola derogatorja. Madankollu, il-benefiċċju invokat f'dan il-każ minn Lexel ma jistax jiġi konfuż ma' dak li jirriżulta mill-konsolidazzjoni fi ħdan entità fiskali unika. B'hekk, il-kawża prinċipali tirrigwarda l-possibbiltà li jitnaqqsu spejjeż ta' interessi u mhux il-kumpens ġenerali tal-ispejjeż u tad-dħul relatati mal-entità fiskali unika.

66 Fi kwalunkwe każ, id-differenzi marbuta mal-implimentazzjoni tar-regoli inkwistjoni fil-kuntest tas-sistemi ta' tassazzjoni nazzjonali rispettivi ma jistax ikollhom effett fuq l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk id-differenza fit-trattament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi ġġustifikata abbażi tal-ħtieġa li jiġi ppreżervat it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

67 F'dan il-kuntest, għandu jiġi ppreċiżat li, skont ix-xogħlijiet preparatorji relatati mal-klawżola derogatorja, din hija intiża espliċitament sabiex tipprekludi t-tnaqqis tal-valur taxxabbli Svediż li jista' jirriżulta mill-ippjanar fiskali marbut mat-tnaqqis tal-ispejjeż ta' interessi f'sitwazzjoni transkonfinali. Madankollu, tali għan ma jistax jiġi konfuż mal-ħtieġa li jiġi mħares it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

68 Fil-fatt, għandu jitfakkar li t-tnaqqis tad-dħul fiskali ma jistax jitqies bħala raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġi invokata sabiex tiġi ġġustifikata miżura li fil-prinċipju tkun kuntrarja għal libertà fundamentali (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Jekk jiġi aċċettat il-kuntrarju jkun ifisser li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrestringu l-libertà ta' stabbiliment abbażi ta' din ir-raġuni.

69 Barra minn hekk, kif ġie rrilevat waqt is-seduta, l-interessi li għalihom intalab it-tnaqqis minn Lexel kienu jkunu jistgħu jitnaqqsu li kieku BF ma kinitx kumpannija assoċjata. Issa, meta l-kundizzjonijiet ta' tranżazzjoni transkonfinali fi ħdan grupp u ta' tranżazzjoni transkonfinali esterna jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet ta' distakkament, ma teżisti l-ebda differenza bejn dawn it-tranżazzjonijiet mill-perspettiva tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

70 Minn dan isegwi li l-ġustifikazzjoni bbażata fuq il-preżervazzjoni ta' tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri ma tistax tiġi aċċettata.

71 Fit-tielet lok, għandu jiġi eżaminat jekk, kif essenzjalment isostnu l-amministrazzjoni fiskali kif ukoll il-Gvern Svediż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi ġġustifikata mit-teħid inkunsiderazzjoni konġunt tal-ġustifikazzjonijiet relattivi għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni fiskali u ż-żamma ta' tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri.

72 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li ma għandhiex bħala għan speċifiku li teskludi mill-vantaġġ fiskali li hija tipprevedi arranġamenti purament artifiċjali, li ma għandhom ebda realtà ekonomika, maħluqa bl-għan li tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq id-dħul iġġenerat minn attivitajiet eżerċitati fit-territorju nazzjonali, tista' madankollu titqies bħala ġġustifikata bl-għan ta' prevenzjoni tal-evażjoni fiskali kkunsidrat flimkien mal-preżervazzjoni tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li t-teħid inkunsiderazzjoni flimkien ta' dawn il-motivi ta' ġustifikazzjoni ġie aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'sitwazzjonijiet speċifiċi ħafna, jiġifieri meta l-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali tikkostitwixxi aspett partikolari tal-interess ġenerali marbut man-neċessità li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, EU:C:2007:439, punti 58 u 59, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2010, SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 67).

74 Hekk kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għanijiet ta' ħarsien tat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u ta' prevenzjoni tal-evażjoni fiskali huma marbuta. Fil-fatt, aġir li jikkonsisti fil-ħolqien ta' arranġamenti purament artifiċjali, li ma għandhom ebda realtà ekonomika, bl-għan li tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq id-dħul iġġenerat minn attivitajiet imwettqa fit-territorju nazzjonali, huwa ta' natura li jikkompromett i d-dritt tal-Istati Membri li jeżerċitaw il-kompetenza fiskali tagħhom fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet u li jmur kontra tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri (sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, EU:C:2007:439, punt 62).

75 Fuq din il-bażi, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tqis li, fid-dawl b'mod partikolari tan-neċessità li jinżamm it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, minkejja l-fatt li l-miżuri inkwistjoni ma jirrigwardawx speċifikament arranġamenti purament artifiċjali, nieqsa mir-realtà ekonomika, maħluqa bl-għan li tiġi evaża t-taxxa normalment dovuta fuq id-dħul iġġenerat minn attivitajiet eżerċitati fit-territorju nazzjonali, dawn il-miżuri jistgħu madankollu jiġu ġġustifikati (sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, EU:C:2007:439, punt 63, u tal-21 ta' Jannar 2010, SGI, C-311/08, EU:C:2010:26, punt 66).

76 Madankollu, meta, bħal fil-kawża prinċipali, l-Istat Membru kkonċernat ma jistax validament jinvoka l-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, miżura, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi ġġustifikata abbażi ta' teħid inkunsiderazzjoni konġunt tan-neċessità li jinżamm tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u tal-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali.

77 Konsegwentement, ma tistax tiġi aċċettata l-ġustifikazzjoni bbażata fuq in-neċessità li jiġi ppreżervat it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u l-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, meħuda flimkien.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha kumpannija stabbilita fi Stat Membru ma hijiex awtorizzata tnaqqas l-interessi mħallsa lil kumpannija li tappartjeni lill-istess grupp, stabbilita fi Stat Membru ieħor, minħabba li l-obbligu li jorbothom jidher li ġie konkluż prinċipalment bl-għan li jinkiseb vantaġġ fiskali sostanzjali, filwaqt li ma kienx jitqies li kien jeżisti tali vantaġġ fiskali li kieku ż-żewġ kumpanniji kienu ġew stabbiliti fl-ewwel Stat Membru, peress li d-dispożizzjonijiet relattivi għat-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi kienu japplikaw għalihom f'dan il-każ.

Fuq l-ispejjeż

79 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha kumpannija stabbilita fi Stat Membru ma hijiex awtorizzata tnaqqas l-interessi mħallsa lil kumpannija li tappartjeni lill-istess grupp, stabbilita fi Stat Membru ieħor, minħabba li l-obbligu li jorbothom jidher li ġie konkluż prinċipalment bl-għan li jinkiseb vantaġġ fiskali sostanzjali, filwaqt li ma kienx jitqies li kien jeżisti tali vantaġġ fiskali li kieku ż-żewġ kumpanniji kienu ġew stabbiliti fl-ewwel Stat Membru, peress li d-dispożizzjonijiet relattivi għat-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi kienu japplikaw għalihom f'dan il-każ.

Firem